

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Limiti Ta' Żmien Fuq Il-proċeduri](#) > [Sweden](#)

## Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

### 1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

Hemm bosta tipi differenti ta' skadenzi fil-materji ċivili, kif ukoll perjodi ta' żmien stabbiliti fil-Kostituzzjoni. Dawn jinkludu pereżempju, termini għal appell, għat-tressiq ta' kwerela u biex kawża tiġi rieżaminata (il-perjodu li tulu kawża trid tittella' l-qorti). Hemm ukoll dispożizzjonijiet li jstipulaw sempliċement li miżura trid tittieħed u mbagħad f'idejn il-qorti biex tiddeċiedi l-perjodu ta' żmien li trid issir matulu; pereżempju, limiti taż-żmien biex tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali, evidenza jew nota tal-eċċezzjonijiet.

### 2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Is-Sibtijiet, il-Ħdud u l-festi pubbliċi mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol.

Dawn li ġejjin huma festi pubbliċi fl-Isvezja (l-Att (1989:253) dwar il-festi pubbliċi; "lagen om allmänna helgdagar"):

- L-Ewwel tas-Sena (l-1 ta' Jannar)
- L-Epifanija (is-6 ta' Jannar)
- Il-Ġimgħa l-Kbira (l-aħħar Ġimgħa qabel l-Għid)
- L-Għid il-Kbir (l-ewwel Ħadd wara l-qamar kwinta nhar il-21 ta' Marzu jew wara)
- It-Tnejn ta' wara l-Għid (l-għada tal-Għid il-Kbir)
- Lapsi (is-sitt Ħamis wara l-Għid il-Kbir)
- L-Għid il-Ħamsin (is-seba' Ħadd wara l-Għid)
- Il-Jum Nazzjonali Svediż (is-6 ta' Ġunju)
- Midsommardagen (is-Sibt ta' bejn l-20 u s-26 ta' Ġunju)
- Il-Qaddisin Kollha (is-Sibt ta' bejn l-31 u s-6 ta' Novembru)
- Il-Milied (il-25 ta' Diċembru)
- San Stiefnu (is-26 ta' Diċembru)

### 3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Il-prinċipju bażiku li jirregola l-limit taż-żmien huwa li meta persuna tkun meħtieġa minn qorti tagħmel xi att fil-proċedimenti hija trid tingħata żmien raġonevoli biex tagħmel dan (il-Kapitolu 32, l-Artikolu 1 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ġudizzjarja Svediż; "rättegångsbalken"). F'ħafna każijiet iż-żmien mogħti jingħata mill-qorti, li f'dak il-punt trid tiffissa terminu li jippermetti lill-parti ammont ta' żmien aċċettabbli biex tikkonforma.

F'għadd żgħir każijiet perjodu partikolari ta' żmien ikun stipulat fil-Kodiċi tal-Proċedura Ġudizzjarja Svediż. Dan japplika l-iktar għat-termini għall-appell kontra sentenza jew deċiżjoni tal-qorti, biex jintalab li tiġi rieżaminata kawża magħluqa, jew f'xi każijiet biex jinbidel terminu.

Persuna li tixtieq tappella kontra sentenza ta' qorti distrettwali f'kawża ċivili trid tagħmel dan fi żmien tliet ġimgħat mill-ġhoti tas-sentenza. Persuna li tixtieq tappella kontra sentenza ta' qorti distrettwali ("tingsrätt") f'kawża ċivili trid tagħmel dan fl-istess ammont ta' żmien. Madankollu, jekk deċiżjoni meħuda waqt proċediment tkun għadha ma ngħatatx waqt seduta tal-qorti u tkun għadha ma ngħatat l-ebda dikjarazzjoni quddiem il-qorti dwar meta se tingħata d-deċiżjoni, il-perjodu għal appell jiġi kkalkulat minn dak inhar li r-rikorrent ikun irċieva d-deċiżjoni. Iż-żmien biex isir appell kontra sentenzi jew deċiżjonijiet tal-qorti tal-appell ("hovrätt") huwa ta' erba' ġimgħat (il-Kapitolu 50, l-Artikolu 1; il-Kapitolu 52, l-Artikolu 1; il-Kapitolu 55, l-Artikolu 1 u l-Kapitolu 56, l-Artikolu 1 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja Svediż).

Parti li tkun inqatgħet sentenza kontriha b'kontumaċja minn qorti distrettwali ("tingsrätt") tista', fi żmien xahar minn meta tiġi nnotifikata bis-sentenza kontriha, tressaq rikors għar-rieżami tal-kawża (il-Kapitolu 44, l-Artikolu 9 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja Svediż).

Jekk l-appell jiskadi għax ir-rikorrent ma jkunx attenda l-proċedimenti fil-qorti tal-appell Parti ("hovrätt"), ir-rikorrent jista', fi żmien tliet ġimgħat mid-data ta' meta ngħatat id-deċiżjoni, iressaq rikors biex tikompla l-kawża (il-Kapitolu 50, l-Artikolu 22 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja Svediż).

Jekk parti jiskadilha iż-żmien biex tressaq appell jew biex tressaq rikors biex kawża titkompla jew tiġi rieżaminata, hija tkun tista' tressaq rikors biex it-terminu jerġa' jibda jgħodd. Ir-rikors irid isir fi żmien tliet ġimgħat minn tmiem iċ-ċirkostanzi li jiskuwawh u tal-inqas fi żmien sena mill-iskadenza tat-terminu (il-Kapitolu 58, l-Artikolu 12 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ġudizzjarja Svediż).

Għadd ta' termini japplikaw ukoll fi proċedimenti sommarji fl-Awtorità ta' Eżekuzzjoni Svediża. Intimat ikun ordnat jikkummetta dwar rikors f'ċertu ammont ta' żmien mid-data ta' notifika. Ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, dan il-perjodu ma jridx ikun itwal minn ġimgħatejn (l-Artikolu 25 tal-Att (1990:746) dwar ordnijiet ta' pagamenti u assistenza; "lagen om betalningsföreläggande och handräckning"). Jekk l-intimat ikkontesta r-rikors, ir-rikorrent ikollu massimu ta' erba' ġimgħat mid-data meta tintbagħatlu n-notifika tal-oppożizzjoni fejn jitlob li l-kawża tkun trasferita għal quddiem qorti distrettwali ("tingsrätt") biex tiġi ttrattata ulterjorment (l-Artikolu 34). Jekk l-Awtorità ta' Eżekuzzjoni Svediża tagħti deċiżjoni f'kawża li tinvolvi ordni ta' pagament jew assistenza ġenerali, l-intimat jista' jitlob li l-kawża tiġi rieżaminata fi żmien xahar mid-data tad-deċiżjoni (l-Artikolu 52). Jista' jressaq appell kontra tipi oħrajn ta' deċiżjoni mill-awtorità fi żmien tliet ġimgħat minn dak inhar li tkun ittiegħet id-deċiżjoni (l-Artikoli 55-57).

## 4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Jekk att irid isir f'perjodu preskritt, il-perjodu jibda jgħodd minn dak inhar li tingħata d-deċiżjoni jew ordni. F'każijiet fejn dokument irid jiġi nnotifikat lil parti, madankollu, il-perjodu ma jibdiex jgħodd sakemm il-parti tirċievi d-dokument (id-data tan-notifika).

## 5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

F'każijiet fejn dokument irid jiġi nnotifikat lil parti, il-perjodu ma jibdiex jgħodd sakemm il-parti tirċievi d-dokument (id-data tan-notifika).

## 6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Meta d-data ta' bidu tkun id-data ta' meta tkun ingħatat id-deċiżjoni jew ordni, it-terminu spiss ikun espress fil-forma ta' data speċifika sa meta l-azzjoni li tirriżulta mid-deċiżjoni jew ordni trid titwettaq. Xi drabi, madankollu, jiġi ffixsat ukoll terminu meta jkun stipulat li azzjoni trid tittiegħet fi żmien ċertu għadd ta' jiem, ġimgħat, xhur jew snin, li dejjem jibdedu b'data ta' bidu. Meta d-data ta' bidu tkun id-data ta' notifika, dejjem jiġi ddikjarat li azzjoni trid tittiegħet fi żmien ċertu għadd ta' jiem, ġimgħat, xhur jew snin, mid-data ta' notifika, li tkun id-data meta l-parti tirċievi d-dokument.

## 7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Jekk il-perjodu ta' żmien ikun espress f'jiem, l-għadd ta' jiem speċifikat jinkludi jiem kalendarji u mhux jiem tax-xogħol biss.

## 8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Jekk att irid isir f'perjodu preskritt, il-perjodu jibda jgħodd minn dak inhar li tingħata d-deċiżjoni jew ordni. F'każijiet fejn dokument irid jiġi nnotifikat lil parti, madankollu, il-perjodu ma jibdiex jgħodd sakemm il-parti tirċievi d-dokument (id-data tan-notifika).

## 9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

L-Att (1930:173) dwar il-kalkolu tat-termini statutorji ("lag om beräkning av lagstadgad") jgħid li meta t-termini jkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, id-data finali tkun il-jum li, b'ismu jew bin-numru tax-xahar tiegħu, jikkorrispondi għall-jum ta' meta beda jgħodd il-perjodu ta' żmien. Jekk ma jkun hemm l-ebda jum korrispondenti fl-aħħar xahar, l-aħħar jum tal-perjodu ta' żmien ikun l-aħħar jum tax-xahar.

Jekk il-jum sa meta trid titwettag azzjoni jiġi s-Sibt, il-Ħadd jew festa pubblika oħra (ara 2 fuq), Midsommarafon (Lejlet Midsommardagen), Lejlet il-Milied (l-24 ta' Diċembru) jew Lejlet l-Ewwel tas-Sena (il-31 ta' Diċembru), l-iskadenza biex titwettag l-azzjoni tiġi estiża sal-jum tax-xogħol li jkun imiss. Dan japplika wkoll jekk il-perjodu ta' żmien jibda fid-data tan-notifika.

Fejn huwa applikabbli r-Regolament tal-Kunsill Nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971 li jstabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien, minflok japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.

## 10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Jekk il-jum sa meta trid titwettag azzjoni jiġi s-Sibt, il-Ħadd jew festa pubblika oħra (ara 2 fuq), Midsommarafon (Lejlet Midsommardagen), Lejlet il-Milied (l-24 ta' Diċembru) jew Lejlet l-Ewwel tas-Sena (il-31 ta' Diċembru), l-iskadenza biex titwettag l-azzjoni tiġi estiża sal-jum tax-xogħol li jkun imiss. Dan japplika wkoll jekk il-perjodu ta' żmien jibda fid-data tan-notifika.

## 11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Ma hemm l-ebda regoli speċifiċi dwar l-estensjoni tat-termini f'kawżi fejn il-parti tkun residenti jew stabbilita jew tinsab barra mill-Isvezja jew f'żona remota. Madankollu, kif diġà ntqal, il-qorti f'ħafna kawżi tiddetermina hija stess kemm ikun se jkun twil terminu u f'dak il-punt tiżgura li l-parti tingħata ammont raġonevoli ta' żmien biex taġixxi.

## 12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

It-termini għall-appelli kontra sentenzi tal-qrati jew deċiżjonijiet normalment ikunu ta' tlieta jew erba' ġimgħat.

## 13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Jekk terminu jiġi stipulat bil-liġi (pereż. biex jitressaq appell) dan il-perjodu la jista' jitnaqqas u lanqas jiżdied. Jekk

parti tkun gjet ordnata tkun preżenti fil-qorti jew twettaq xi att ieħor il-qorti tista' testendi t-terminu billi tiffissa skadenza ġdida. F'każ ta' emerġenza ma hemm xejn li jipprevjeni lill-qorti milli tħassar seduta pplanata u torganizza oħra f'data iktar bikrija. Madankollu, il-partijiet iridu jingħataw żmien raġonevoli biex iħejju ruħhom.

## 14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Le; Ara 11 hawn fuq.

## 15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Termini għall-konformità mal-ordnijiet, eċċ.

Jekk ir-rikorrent ma jikkonformax ma' ordni biex jipprovdi informazzjoni addizzjonali għar-rikors tiegħu għal taħrika jew jekk ikun hemm kwalunkwe xkiel biex titella' l-kawża, it-talba tiġi miċħuda. Jekk l-intimat jonqos milli jressaq nota tal-eċċezzjonijiet, tista' tingata' sentenza kontrih b'kontumaċja. Nuqqas ta' konformità ma' ordni fil-ħin jista' jwassal ukoll biex il-qorti tiddeċiedi l-kawża xorta waħda.

Kontumaċja

F'kawżi li jistgħu jiġu solvuti barra mill-qorti (pereż. tilwim kummerċjali) in-nuqqas ta' waħda mill-partijiet milli tidher quddiem il-qorti distrettwali ("tingsrätt") tista' twassal biex tingħata sentenza b'kontumaċja. F'kawżi oħra jistgħu jiġu imposti multi. Madankollu, f'kawżi li ma jistgħux jiġu solvuti barra mill-qorti (pereż. litiġju fi kwistjonijiet tal-familja) jekk ir-rikorrent jonqos milli jidher fl-awla jista' jwassal biex il-kawża taqa' filwaqt li jekk ma jidhirx l-intimat huwa jista' jew jiġi mmultat jew jittella' quddiem il-qorti. Jekk ir-rikorrent jonqos milli jidher fil-proċedimenti quddiem il-qorti tal-appell, l-appell jista' jiskadi. Jekk ma jidhirx l-intimat tista' tiġi imposta multa.

Terminu għal appell

Jekk parti tappella tard wisq l-appell jiġi miċħud.

## 16 Jekk id-data tal-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Jekk it-terminu mhux stipulat mil-liġi, il-parti trid, qabel ma jiskadi t-terminu, tressaq rikors quddiem il-qorti għal posponiment u titlob li l-perjodu jkun estiż. Jekk it-terminu skada u l-qorti sussegwentement ħadet azzjoni, pereż. qatgħet is-sentenza, hemm għadd ta' miżuri ordinarji u straordinarji li parti tkun tista' tieħu. Il-fini ta' dawn il-miżuri hija li jew terġa' tinfetaħ il-kawża li kienet ingħalqet jew f'xi ċirkostanzi biex it-terminu jinbidel (ara 3 fuq).

---

■ L-aħħar aġġornament: 28/01/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.